## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' April 2005 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Mejju 2005 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Ġunju 2005 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Lulju 2005 fis-6.30p.m.
   Ikun hemm trasport mill-pjazza tas-Siġġiewi għall-Girgenti li jitlaq kwarta qabel il-ħin tal-laqgħa.
   **Il-laqgħa ta' l-1 ta' Mejju 2005 li taħbat f'għeluq id-19-il sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda b'pellegrinaġġ minn tarf it-triq il-qadima.**
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6 A/2, Main Street, Siġġiewi jew mill-website tal-Moviment.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud **(bil-Malti u bl-Ingliz)** kif ukoll domni, **keychains** u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 62 APRIL 2005 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Ġuża Mifsud tindirizza laqgħa fid-dar tagħha fis-snin 80*

## REBBIEĦ U GLORJUŻ

Għadna kemm iċċelebrajna l-festa ta' l-Għid il-Kbir, festa tant kbira u għażiża għalina. Fi kliem Ġuża Mifsud, fl-Għid imqaddes, "Ġesù ħareġ rebbieħ, glorjuż ħafna, ġabilna ħafna rebħ fuq il-mewt għax Ġesù fetaħ il-glorja tal-Missier Alla, is-sema pajjiżna għalih u għalina. Ta' dan għandna ngħidulu grazzi u grazzi ħafna lil Ġesù... Grazzi ta' l-imħabba u l-paċi li ġabilna permezz tal-passjoni u l-mewt Tiegħu u rigward it-teżori kbar li ħallielna fit-tabernakli kollha tad-dinja rigward l-Ewkaristija..."

F'din is-sena ddedikata mill-Papa Gwanni Pawlu II għall-Ewkaristija għandna nagħmlu l-almu kollu tagħna biex insiru nies ewkaristiċi. Għandna nilqgħu is-sejħa li għamlulna l-Isqfijiet tagħna fil-pastorali tar-Randan u naduraw b'qima profonda u b'fidi qawwija lil Kristu, preżenti fl-Ewkaristija, sabiex insibu fih is-saħħa ta' ruħna.

Fil-laqgħa ta' April 1994, Ġuża tgħid li "Jekk inti tikkopera ma' l-imħabba ta' Ġesù ta' l-Ewkaristija inti tinħaraq biha. Ma nixbax ngħid jiena fuq l-imħabba ta' Ġesù' ta' l-Ewkaristija... Nimtlew bl-imħabba ta' Ġesù' ta' l-Ewkaristija, kemm hu ħanin, kemm hu tajjeb, kemm għandu qalbu tajba..."

F'Ġunju 1994 imbagħad Ġuża tgħidilna biex, "Niftakru fil-kobor kbir li l-Mulej Alla ta' l-Eżerċiti ta lil Ibnu Ġesù' qaddis u mbierek meta kien fid-dinja qabel ma daħal għall-passjoni u ħallielna l-Ewkaristija: lilu nnifsu, l-Ostja Mqaddsa, l-Ostja divina, l-Ostja mmakulata. Fl-Ostja hemm id-divinita' ta' Alla għax Ġesù' fl-Ewkaristija huwa t-tieni persuna divina tas-Santissima Trinita'. Ara x'kobor immens hemm fl-Ostja divina!"

## www.ourladyofconsecration.org

F'Novembru 2004 is-sit li l-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni għandu fuq l-internet ingħata libsa ġdida, ma sarux biss ftit irtokki iżda bidla sħiħa.

Hemm informazzjoni ddettaljata dwar Ġuża Mifsud, id-dehriet tal-Madonna u qaddisin oħra, il-messaġġi li Ġuża kienet twassal waqt il-laqgħat u anka talb.

Tajjeb jingħad ukoll li fuq dan is-sit hemm imformazzjoni dwar l-oġġetti ta' devozzjoni li wieħed jista' jakkwista, il-kotba li nkitbu fuq dawn il-ġrajjiet, id-dettalji ta' meta jsiru l-laqgħat fil-Girgenti kif ukoll hemm il-possibilita' li wieħed isir membru tal-Moviment.

Interessanti wkoll il-kapitlu msemmi "Downloads". F'dan il-kapitlu hemm aktar minn mitt ritratt li naturalment għandhom x'jaqsmu ma' Ġuża u l-ġrajjiet tal-Girgenti. Wieħed jista' mhux biss jisma' l-Innu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni imma għal min qatt ma sema' leħen Ġuża



jew jixtieq li jerġa' jisma' leħenha hemm diversi siltiet minn messaġġi li hi kienet twasslilna. Fost dawn hemm messaġġ dwar l-istatwa tal-Madonna, l-ilma tal-Girgenti, l-knisja li għad trid tinbena l-Girgenti, l-onesta' fl-ilbies u l-passjoni ta' Kristu.

Talba li lkoll nafu kemm kienet għal qalb Ġuża hija dik tar-rużarju. Permezz ta' dan is-sit wieħed qed jingħata l-possibilta' li jgħid ir-rużarju flimkien ma' Ġuża li lkoll nafu kemm ħadmet biex ixxerred u tkabbar id-devozzjoni lejn il-Madonna.

Il-parti l-kbira ta' l-informazzjoni hija bl-Ingliż, iżda hemm ukoll informazzjoni b'lingwi oħra fosthom: Malti, Franċiż, Taljan u Spanjol. Bħalissa qegħda ssir ukoll it-traduzzjoni għall-Ġermaniż.

Hawnhekk ma nistax ma nirringrazzjax lil dawk kollha li taw sehemhom fosthom ħija Nicholas li ħoloq id-disinn u s-sit, lil Mrs. Ursula West, lil Waldonet u lil dawk kollha li għamlu jew qed jagħmlu t-traduzzjonijiet.

Nagħlaq b'żewġ appelli:

1. Li intom stess iżżuru s-sit u tħeġġu oħrajn kemm Maltin kif ukoll barranin (qraba jew ħbieb) biex jagħmlu l-istess; u
2. Jekk fostkom hemm min hu intiż sew (eż. għalliema, eċċ) fl-lingwi oħra li għadhom ma jidhrux fis-sit, inħeġġiġkom sabiex tavviċinawni ħalli ngħaddilkom il-materjal għat-traduzzjoni.

Ejja lkoll nagħtu s-sehem tagħna sabiex inkabbru l-isem tal-Madonna taħt it-titolu tal-Konsagrazzjoni!

Sylvana Spiteri LL.D

# GRAZZJI MAGĦLUGĦA

**T. S. minn Ħal Għaxaq kitbet hekk:** Nixtieq nibda billi nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni qlajt din il-grazzja.

F'Awissu tas-sena 2003 bdejt inħoss uġigħ f'ġenbi. Jien kont qed naħseb li qegħda nieħu riħ mill-fann. F'Ottubru ħsibt li mmur għand it-tabib u dan bagħatni l-isptar għal xi testijiet. Wara ftit ġranet irriżulta li kelli kanċer f'sidri u ieħor fil-pulmun. Wieħed jista' jimmaġina x'ħassejt u ma kontx naf fejn u fuq min ħa ndur. Ħsibt fil-Madonna tal-Girgenti u tlajt ninvistaha. Hemmhekk sirt naf bit-talb li jsir kull l-ewwel u t-tielet Ħadd tax-xahar. Minn dak iż-żmien ftit kienu d-drabi li ma tlajtx nitlob lill-Madonna biex tgħinni.

Illum għall-grazzja t'Alla u bl-għajnuna tal-Madonna, inħossni qegħda ngħix ħajja normali u kif iddikjara l-Professur fuq iċ-ċertifikat li hemm ma din l-ittra, jidher li ma hemm l-ebda sinjali u sintomi tal-marda li kelli.

Għaldaqstant għall-darba oħra nirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni qlajt din il-grazzja.

**Wara l-laqgħa ta' talb ta' Jannar 2005, ir-raġel ta' T.S. qalilna li l-Professur kien qalilha li bil-kura li kienet qed tingħata kien possibbli li jraqqdu l-effetti tal-marda mhux ifejquha iżda ġara li meta ġiet invistatha rriżulta li kienet imfejqa.**

Iċ-ċertifikat iffirmat minn Dr. Stephen Brincat jgħid hekk: *This lady suffering from metastasis left breast has had a good remission and is now symptom free with no signs of disease.*

**N.N. miż-Żurrieq kitbet hekk:** Ilni erba' snin inbati minn diffikulta' f'parti minn ġismi. Mort għand speċjalista imma kollu għalxejn. Bdejt nitlob lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u bdejt nagħmel l-ilma mbierek fejn kelli l-uġigħ u biex il-Madonna turini x'għandi nagħmel.
Ftit wara ħabiba qaltli biex immur għand speċjalista ieħor. Mort u għalkemm m'iniex imfejqa għal kollox imma nħossni aħjar. Meta kont nitqarben, lil Ġesù' kont ngħidlu li nemmen li dik l-ostja, il-Ġisem u d-



Demm Tiegħu, ser tgħaddi u tmiss il-parti li kelli l-uġigħ.

Illum nixtieq nirringrazzja lil Ġesù' Ewkaristija u lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni talli fejquni kważi kompletament.

Missieri kellu ferita f'sieqū u wara erba' xhur indewwihielu, infethet ferita oħra. Iddeċidejt li fl-ilma li kont inxarrabblu l-ferita bih nitfa' ftit ilma minn tal-Madonna li kont inġib mill-Girgenti u ngħid talba lill-Madonna. Nemmen li dan l-ilma mbierek ifejjaq kemm ir-ruħ kif ukoll il-ġisem. Mill-ewwel bdejt nara progress u permezz tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u t-trattament li kont qed nagħmel, il-ferita fieqet.

Jiena nemmen ħafna fl-ilma mbierek tal-Madonna għax meta persuna minn tal-familja tiegħi kellha sogħla qawwija, kont nagħtiha tixrob l-ilma u kienet tgħaddilha. Jiena għal kull bżonn nitlob lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u meta niftakar f'xi persuna li għandha bżonn it-talb tiegħi, jiena nitlob lill-Madonna u nagħmel salib fuq moħħi, fuq fommi u fuq qalbi bl-ilma mbierek. Għalhekk ngħid grazzi lil Alla u lill-Madonna għal dak kollu li għamlu magħna.

**M. G. Spiteri Gambin minn Għawdex kitbet hekk:** Jiena għandi tifel jismu Charles u dan issa għandu sena magħluqa. Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja li qlajt fir-rigward tal-fejqan tiegħu.

Meta Charles kellu xahar kellu nfezzjoni f'għajnu tax-xellug. Konna ħadnieh għand l-ispeċjalista tat-tfal għax tant kellu nfezzjoni qawwija li għajnu kienet magħluqa għal kollox u tnixxi likwidu li kien jgħaqad ma għajnu. L-ispeċjalista tah it-taqtir bħala kura izda kien kollu għalxejn. Dam xi jiem b'din l-infezzjoni, għajnu magħluqa u ma kien hemm l-ebda kambjament.

Imbagħad ommi għamlet wegħda mal-Madonna tal-Girgenti, għax devota ħafna tagħha, poġġiet laptu fil-*pram* tat-tifel tiegħi u wegħditha li jekk tgħaddilu għajnu tiġi Malta tinvistaha, tagħti offerta u xxandar il-fejqan.

Haġa ta' l-għaġeb, malli għamlet il-laptu għajnu ssaffiet mill-ewwel u nfetħet. Mhux talli hekk, iżda kellu wkoll feles ta' kulur aktar ċar f'għajnu l-oħra u ġie kollox għan-normal.

**Albert u bintu jirringrazzjaw** lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna

qalgħu grazzja li t-tifla, għadha tarbija, weġġgħet biss ħafif meta waqgħet *brick* tal-konkos fuqha.

**A. Buhagiar minn Ħaż-Żabbar** qaltilna li kellha idejha ma kinitx tista' tagħlaqhom. Telgħet il-Girgenti, xarrbet idejha bl-ilma tal-Madonna u talbet lil Ġuża tfejjaqha. Idejha mbagħad bdiet tagħlaqhom u ta' dan tirringrazzja lil Alla, lill-Madonna tal-Girgenti u lil Ġuża Mifsud.

**A. Schembri mill-Qawra** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud għamlet operazzjoni tal-*By Pass* u tinsab tajba ħafna.

**C. Z. minn Marsaskala** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala' bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

**F. Agius minn Birżebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti u ta' qaddisin oħra.

**N. N. minn Għawdex** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna, l-erwieħ abbandunati u San Ġorġ. Hi wegħdet lill-Madonna li xxandar il-grazzja hekk kif taqlagħha.

**M.R. minn Ħal-Għaxaq** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u l-qaddisin kollha li talbet. It-tifla tagħha għaddiet mill-eżamijiet ta' l-aħħar u t-teżi li għamlet intlaqgħet tajjeb. Hija kienet talbet ħafna quddiem Ġesù Sagramentat u quddiem il-Madonna peress li sabet ħafna diffikultajiet fit-twettiq tat-teżi. Hi wegħdet lill-Madonna li tippubblika din il-grazzja fil-fuljett. Grazzi Mulej, grazzi Madonna. Kemm inti kbir O Alla!

**Is-Sinjura Mary** tirringrazzja lill-Mulej u lill-Madonna tal-Girgenti għall-kuraġġ li tawha biex għamlet operazzjoni. Grazzi Ġesù, grazzi Marija.

**N.N.** tirringrazzja lill-Mulej, lill-Madonna u lil Ġuża għall-grazzja li



tawha li għamlet operazzjoni tal-kataretti u tinsab tajba.

**P.C. mis-Siġġiewi** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni ta' Maria Santissima u r-ruħ tajba ta' Ġuża Mifsud, qalgħet il-grazzja li n-nepputi tagħha għadda mill-eżamijiet tant importanti għall-futur tiegħu.

**KNZ f'Awissu 2004 bagħtet dan ir-rapport:** Fid-19 ta' Ġunju li għadda (fit-19.45), ommi li għandha 72 sena, taha ħass ħażin qawwi u ftit tal-ħin wara qalbet għal agħar tant li kellna nċemplu għall-ambulanza. Dak il-ħin ftakart fiż-żjara li konna għamilna l-Girgenti f'Marzu minn fejn konna ħadna xi ilma. Iddeċidejt li nagħti ftit ilma lil ommi mingħajr ma nuriha li kien mill-Girgenti sabiex ma nemozzjonahiex.
Fi ftit minuti, ommi qalbet għall-aħjar u għalkemm xorta ħadnieha l-isptar, dak illejl stess stajna nerġgħu noħduha lura d-dar.
Bla dubju ta' xejn, li dakinhar il-Madonna tal-Konsagrazzjoni għenet lil ommi!

**Minħabba nuqqas ta' spazju uħud mill-grazzji li rċivejna jidhru f'ħarġa oħra.*

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek. Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*

***Ġentilment ninfurmawkom li issa għandna wkoll santi b'din it-talba ta' interċessjoni bl-Ingliż. Dawn is-santi jinkludu ritratt ta' Ġuża ħdejn l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, informazzjoni fuq ħajjitha, t-talba ta' interċessjoni u t-talba mqassra tal-Madonna.***